HBS 133 e

047

# F J A S K  M I L L - I K B A R

T A'

C A R M E L O  G A L E A  S.D.B.

SALESIAN THEATRE

- SLIEMA -

SCRIPT No. 282

# FJASK MILL-KBAR

## PERSONAĠĠI

ALDO - missier

BENNY - tifel

INES - omm Benny

YVONNE - ħabiba ta' Ines

DOTTORESSA

------------

Ix-xena turi salott immobiljat mill-aħjar. Telephone. Bieb fin-nofs, bieb fil-lemin u tieqa fix-xellug li tagħti għall-baħar.

### XENA 1

Ines waħida

INES (Tinsab ma ġenb ir-Rediffusion qegħda tħit u tisma t-trasmissjoni, l-ewwel biċċa mużika u wara l-aħbarijiet)

LEHEN "Il-Kumitat taċ-Ċentru Pariġin jgħarraf illi l-mara tal-lum regħġhet għall-moda tas-settecento, libsa gala tal-ballu tkaxkar mal-art, żarbun bit-tkaken għoljin, bokkli ndurati, ix-xagħar ingirlandat bil-fjuri, imsielet kbar, difrejn qosra u kmiem twal mingħajr skullar.....Z

INES (Għal din l-aħbar tqum f'daqqa) Ix-xjafek !: U jien għamilt il-kmiem imqaċċtin ! Issa fatta la zorba. Imma ngħid lir-raġel jixtrili biċċa drapp oħra. Mela x'inhu, u ma nkunx liebsa fuq il-moda Pariġina ! Ħalli għalihom in-nies..... Araħom kulħadd iħares lejja....jibdew jgħidu minn taħt l-ilsien. "Ħarsu ftit il-mara tal-Ministru ma timxix mal-moda" U jien noqgħod għal kritika bħal din?... Le, nixtri biċċa drapp oħra.

### XENA 2

Yvonne u Ines

YVONNE (Minn ġewwa) Nista nidħol ?

INES (Tittawwal) Min hemm ? Eh int Yvonne !! Għaddi, għaddi. (Tidħol Yvonne liebsa bħal Ines b'libsa ta' ġewwa pulita) Kont qed nisma l-aħbarijiet fuq ir-Rediffusion fuq ....

YVONNE Naf x'se tgħidli ! Fuq ir-riċetta tal-lemon meringue pie li għadhom kemm taw ! Tikkonfondix Ines, ruħi għax jien nizzilta kolla u jekk tkun tridha ngħaddijilek.

INES U le ! m'hux fuq ir-riċetta kont ser ngħid iżda fuq..

YVONNE Eh, fuq il-flower show li ser issir San Anton ! Dik kompetizzjoni li hemm. Marvin ta' Joseph, dak li għandu l-business tal-ħwejjeġ qaltli li hemm mal-ħamsin kompetitur u jafu ċerti li ser tkun a first class show.

INES (Bil-paċenzja) U le, ruħi Yvonne, jien kont ser ngħidlek x'biċċa ġrali jien personali !

YVONNE (Maħsuda) Jaqaw ! Xi ħaġa serja? M'hux Benny tiegħek, hux? Għax hu ftit imqarqaċ, imma wara kollox tifel hu! Trid tieħu paċenzja bihom it-tfal illum.

INES Yvonne, dear, jien kont ser ngħidlek fuq in-news li għadhom kemm xandru dwar il-moda l-ġdida!

YVONNE Dwar il-moda l-ġdida? Ma smajtux jien! Jaqaw fil-programm "Il-Moda tal-lum"? Għax kumbinazzjoni ċemplitli Ethel ta' Frank u dik meta tibda tgħid ma tiqafx. Ċemplitli eżatt kif kien ser jibda l-programm u tellfitulu kollu. Nofa sieħa sħieħa fuq it-telefon ! Vera ma tgħamlilhomx għajb lin-nisa dik!

INES Ara Yvonne, qalu li Parigi jgħarrfu li erġajna għall-moda tas-settecento ! Jiġifieri fost kollox l-ilbiesi ser ikunu bi kmiem twal u mingħajr skullar. U jien jaħasra hawn hi l-gażiba tiegħi !

YVONNE Mela xi ġralek Ines? Nispera li mhux xi ħaġa serja. Wara kollox f'din id-dinja kollox jissewwa minbarra l-mewt ! Għidli ftit forsi nista ngħinek.

INES Il-fatt hu dan. Jien qtajt libsa tal-ballu u Aldo, żewġi, ġa ħallas £20 għaliha iżda, u hawn hu l-gwaj, din il-libsa qtajtha bil-kmiem qsar, u issa qed nikkonfondi għax, ma tafx int, aħna n-nisa bilfors irridu nimxu mal-moda.

YVONNE Għal daqshekk qed titħawwad? Ħa ngħidlek jien x'għandek tagħmel. Għid lil Aldo jixtrilek biċċa drapp oħra u l-kmiem għamilhom twal. L-iżjed problema sempliċi!

INES Għax jien, ma tafx, wara li ġa tani £20 nħossa bi tqila ngħidlu jtini xi ħames liri oħra għal biċċa drapp għal kmiem.

YVONNE U ajma, Ines! Bħallikieku ċ[illegible] n-nisa mhux dejjem indawwruhom kif irridu lill-irġiel tagħna u nieħdu dak li nkunu rridu. (Tħares lejn l-arloġġ) Ih, x'waħdadin x'ħin sar! Beppe dalwaqt jiġi u lil Kitty m'għidtilix biex issaħħan il-lasagna. Ser inħallik Ines! Jekk nista ngħinek f'xi ħaġa oħra, għidli, taf! Bye, bye, dear. Narak il-lejla.

INES Ċiaw, Yvonne u thanks ever so much tal-parir. (Yvonne toħroġ) Mur għidliha li jien diġa' ħsibtha dik is-soluzzjoni. Bilħaqq, min jaf dak Benny x'sar minnu. (Isejjaħ) Benny!! Benny!!

XENA 2a

Benny u Ines

BENNY (Minn ġewwa) Hawn, Mama'.

INES Isma ftit. (Benny jidħol jidħaq kemm jiflaħ) X'kont qed tagħmel ?

BENNY Kont qed nilgħab fil-ġnien. (Ikompli jidħaq) Kien hemm il-Fufu u l-qattus l-iswed u rbattilhom denbhom ma xulxin. (Jidħaq kemm jiflaħ)

INES Irbat denb il-qattus ma' denb il-kelb ?

Benny — Iva Mama'. (Jithaq) imbaghad bdew jigru, qalbu hafna qsari, imbaghad telghu fil-kcina, il-koka tfixklet, habtet mal-mejda u kissret hafna platti, jien nigri wara il-kelb u l-qattus sakemm waqghu il-bahar. (Jithaq kemm jiflah).

Ines — Iva eh?! Ja brikkun!! u tithaq minn fuq ?! .......

Benny — (Imur ihares mit-tieqa) Ejja ara Mama' il-kelb u l-qattus jghumu fil-bahar, (Jithaq dejjem).

Ines — Ithaq iva, halli nghallmek jiena tahqar l-annimali. (Taqbad il-bastun tal-Papa ta' Benny u tmur tigri wrajh biex issawtu. Benny jibda jdurilha mal-mejda u meta jaghmlu xi tliet dawriet hekk, jidhol Aldo u jaqla huwa l-izbah daqqa ta' bastun fuq dahru. Benny johrog mix-xena.)

XENA 3

Aldo u ta' qabel minn barra Benny

Aldo — (Jidhol imiss dahru) Hawn x'gara?! Dan kien jonqos. Wara seduta ta' tliet sighat fil-Parlament nigi d-dar u naqla daqqa ta' bastun fuq dahri minghand is-sabiha mara tieghi.

Ines — Skusani Aldo. Ridt naghti lezzjoni lil dak l-imqareb ta' Benny u bi zball ilqatt lilek.

Aldo — Jaqaw ghamel xi wahda minn tieghu?

Ines — Ghamel inghid, qaleb id-dar ta' taht fuq. Imma issa ara hallina minn dan ... Aldo ta' qalbi kemm jiddispjacini ta' dik id-daqqa ta' bastun. Halli npattihielek. (Tbusu fuq idu) Kuntent issa tahfirli?

Aldo — Imbaghad int ma ksirtli ebda kustilja. Fejn mar Benny?

Ines — Beza minni u min jaf fejn mar jinheba. Aldo x'iddecidejtu fil-Parlament?

Aldo — Hagiet sigrieti li ghalissa ma nistax nghidomlok.

Ines — Jien ukoll ghandi haga sigrieta izda jien nista nghidielek imma ..

Aldo — Halli naraq x'inhu gej.

Ines — Xejn Aldo, Haga zghira hafna .....

Aldo — Impustura ...... qeghda ..... diga qed nifhem .... meta tigini b'dawn il-hafna tlaqliq ghid illi sejra tnaqqasli l-finanzi. Ghadni kemm infaqtlek £21 ghall-libsa tal-ballu.

Ines — Precizament, il-libsa tal-ballu .... Ghadni kemm smajt l-ahbarijiet fuq ir-Rediffusion fejn qal illi Parigin biddlet il-moda tal-libsa tal-ballu, il-kmiem minn flok imqaectin iridu jkunu twal.

Aldo — U INT x'ghamilt?

Ines — Jien jahasra li ma kontx naf qtajthom qosra.

Aldo — U issa?

Ines — Issa .... (Kwasi tibda tibki).

/---

Aldo Iva b'daqshekk ma waqghetx id-dinja.

Ines Aldo tieghi! Kemm ghandek qalbek tajba. Jiena nixtieq li nidher bhal haddiehor fis-socjeta' .... marridx illi jghidu:- "Ara il-mara tal-Ministru ......" Fimtni Aldo? Jien ghalik stess, ghal unur tieghek.....

Aldo Oh! Inthom in-nisa ..... ahna l-irgiel libsa sservina mitt sena, izda intkom tridu tilbsu l-istess bhar-Regina......

Ines Imma int x'jidirlek mara ta' Ministru?

Aldo Ministru li jista jkollu xi eluf x'jonfoq.

Ines U issa fejn infaqna £50 nonfqu £10 ohra.

Aldo Insomma xi trid?

Ines (Dejjem impustura) Bicca drapp ohra biex naghmel il-glekk bil-kmiem twal.

Aldo Taf x'hemm tajjeb illi into tinqala gmielek ghall-hjata, niffrankaw il-fattura.

Ines Hekku Aldo! Inti anglu tas-sema! Mela zewg jardi harir fin bhal dan tad-dubblett (Ferhana) Issa nissokta nhit u ghada mmorru il-belt flimkien (Tmur tfittex il-holqa u ma ssibhiex) Il-holqa fejnha?

Aldo X'holqa?

Ines Il-holqa li kelli nhit biha ftit ilu. (Tfittex).

Aldo Kif jekk ftit ilu kienet ghandek ma tafx x'ghamilt biha?

Ines Dak it-tifel hadli rasi (Tfittex kullimkien, fuq il-mejda, qalb il-karti, fl-art, taht il-mejda).

Aldo Iva holqa mhix xi labra tal-hjata. (Ifittex huwa wkoll. It-tnejn okkupati jfittxu l-holqa).

Ines Imma kif, ghada kemm kient f'idejja, minghajr holqa ma nista naghmel xejn. (Ifittxu dejjem). Marridx innigges idejja u mmur il-ballu b'subghajja marbut.

## XENA 4

### Benny u ta' qabel

Benny (Jidhol jibki kemm jiflah u jaghti b'saqajh fl-art).

Aldo Dan x'ifisser issa?! (Imur fuq Benny) Ghamilt xi ohra minn tieghek?

Benny (Jibki dejjem u jmur l-hawn u l-hemm jmiss grizmejh).

Ines X'wahda din! Qeghda nifhem! Il-holqa belaghha Benny! (Tmur fuq Benny) Benny! Xi gralek?! Blajt il-holqa?! Ghid il-veru ma nsawtekx.

Benny (Ma jaghmilx hlief jibki u jmiss grizmejh donnu qed jifga allura jibda jisghol).

Ines Aldo! Benny belgha l-holqa tieghi! X'sejrin naghmlu?!

/---

Aldo (Jmur jaqbad ihabbat fuq dahar Benny. Benny jisghol dejjem) Ghid it-tabib sensaltru ma genbba, halli ncempillu. (Imur jaqbad it-Telephone) Three two six please ..... It-tabib? Oh! tabib, jien il-Ministru Aldo, ta ma' genbek, tista tigi ftit, it-tifel bela' holqa u jinsab fi stat gravi! Tajjeb ma hemmx bzonn iccempel il-bieb, ibqa diehel dritt. (Ihalli r-ricevitur u jarga jmur ma' genb Benny) Benny tkellem, xi gralek, (Benny ma jistax jitkellem) Mur gib tazza ilma (Lil Ines).

Ines (Imur u terga tidhol b'tazza ilma malajr).

Aldo (Jiehu f'idu it-tazza bl'ilma u jisqieh lil Benny, Benny jixrob ftit u bis-soghla jixhet l-ilma kollu f'wicc Aldo. Aldo johrog il-maktur u jimsah wiccu).

XENA 5

Tabib u ta qabel kollha

Tabib (Tidhol bil-valigetta f'ida) Buona sera onorevoli.

Aldo Buona sera dott.

Ines Buona sera dott.(Sadattant Al o pogga lil Benny fuq pultruna u Benny ma jaghtix aktar sinjal ta' hajja).

Tabib X'inqalaghalkhom?

Aldo Il-mara tieghi kienet qeda thit bhas-soltu, poggiet il-holqa fuq il-mejda u ma sibnihiex; kif wiehed jista' jahseb il-holqa hada t-tifel, poggieha f'halqu u belaghha.

Tabib Inthom sguri?

Ines Zgur, zgur, daqs kemm huwa mqareb ghax kieku din il-Holqa konna nsibuha ....

Tabib Halli naraw: ((Imur fuq Benny tezaminah, tiftahlu halqu u ddahhal sebgħaha go halqu. Benny jigdmilha) Ajma! Ajma'. Kaspitina! Ghandu snienu jaqtghu daqs sikkina!

Aldo Gidmek dott? (Johrog maktur u jorbtilha subgħaha)

Tabib U x'gidma! ( Tferfer ida) ) Halli naraw. (Tnisslu grizmejh) Il-holqa jista jaghti l-kas li tinsab fuq il-gewza. Ghax halli nghidilkhom, bejn il-gewza u l-qanpiena tinsab bhal korda li timpedixxi l-passagg u ghalhekk il-holqa waqfet hemm. U billi telaghlu d-demm ghal grizmejh jista jaghti l-kaz illi taqbdu emoregija allura .. allura .. nibza!.....

Aldo Ma hemm l-ebda rimedju, dott? Tahseb illi jmut?

Tabib Rimedju hemm. Nippruvaw innizlulu rasu l-isfel.

Aldo Din haga zghira. (Aldo u Ines jaqbdu lil Benny u jdendluh rasu l-isfel. Benny jibda iferfer idejh u minn halqu tohrog buzzieqa u dejjem tintefah)

Tabib Oqghodu, Oqghodu. Waqfuh bil-wiefqa. (Aldo u Ines iwaqqfu lil Benny bil-wiefqa, Benny jissokta jonfoh il-buzzieqa sakemm tinfaqa f'wicc kulhadd. Benny jinfexx f'dahqa kbira, l-ohrajn jibqghu iharsu lejn xulxin skantati) Sinjuri, bhalma taraw, it-tifel ma kienx bela' holqa, izda bela' buzzieqa.

/---

Benny Iva, jien blajt buzzieqa u mhux holqa u issa ghaddieli kollox (Jithaq kemm jiflah u jaqbes u jisfen).

Ines Mela din l'imbierka ta' holqa fejn tinsab?

Benny Hawn ara fejna mama, tinsab f'idek stess!!!

Ines (Thares lejn idejha u issib il-holqa f'subghajha tan-nofs) Prosit! U jien kont sejra nitlef rasi.

Aldo Fjask mill-ikbar!!!

Tabib Aktar fjask tieghi, ghax minflok holqa sibt buzzieqa (Dahqa generali, tinghalaq malajr il-purtiera.)

jc